Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

12661/23

LIMITE

MAMA 131
ENER 472
TU 4

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Sħubija Strateġika dwar l-enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija - Awtorizzazzjoni biex jiġi nnegozjat strument mhux vinkolanti |

1. Fis-7 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Maxreq/il-Magreb (MaMa) bl-intenzjoni tagħha li tinnegozja Memorandum ta' Qbil (MtQ) dwar Sħubija Strateġika dwar l-enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija (dokument 12624/23).

2. L-objettiv ewlieni ta' din is-Sħubija Strateġika huwa li tikkontribwixxi biex takkumpanja lit-Tuneżija sabiex tilħaq il-miri tagħha tal-elettriku rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif previst fil-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali tat-Tuneżija skont il-Ftehim ta' Pariġi.

3. Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija dwar il-kwistjoni.

4. Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2023, il-MaMa, min-naħa tiegħu, qabel mas-suġġeriment tal-Kummissjoni li tinnegozja l-Isħubija Strateġika dwar l-enerġija prevista abbażi ta' indikazzjonijiet li jinsabu fid-dokument 12624/23.

5. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser iżżomm lill-MaMa infurmat dwar il-progress tan-negozjati u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex tfittex l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Isħubija Strateġika f'isem l-Unjoni Ewropea.

6. Soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa għalhekk mistieden japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidħol f'negozjati dwar l-Isħubija Strateġika dwar l-enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija.

PUBLIC